

31998D0610

L 290/57

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

29.10.1998

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-22 ta' Ottubru 1998****li tistabbilixxi gruppi ta' esperti biex jgħinu lill-Kummissjoni bil-kontenut u l-orjentazzjoni ta' l-azzjonijiet ewlenin fil-qasam ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku***(notifikata bid-dokument numru C(1998) 3120)***(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(98/610/KE, Euratom)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Billi dawn il-gruppi ta' esperti għandhom jiġu stabbiliti u t-termini ta' riferenza tagħhom għandhom jiġu definiti,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

Artikolu 1

Billi, sabiex tinkiseb aktar trasparenza fil-politika Komunitarja dwar riċerka u żvilupp teknoloġiku u sabiex tkun tista' tiegħu rwol iktar strateġiku, l-Kummissjoni tixtieq tinvolvi iktar mill-viċin lill-ħaddiema kollha involuti fir-riċerka (inklużi l-utenti) fit-tnissil tal-politika;

Il-gruppi ta' esperti li ġejjin qegħdin jiġu stabbiliti:

Billi għandhom għalhekk jiġu stabbiliti gruppi ta' esperti sabiex jagħtu pariri lill-Kummissjoni dwar il-kontenut u l-orjentazzjoni ta' l-azzjonijiet ewlenin li huma skond id-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-programmi speċifiċi li jimplementaw il-ħames programm kwadru tal-Komunità Ewropea dwar riċerka, żvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' demostrazzjoni ⁽¹⁾ u l-ħames programm kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika dwar attivitajiet ta' riċerka u taħriġ ⁽²⁾ (minn hawn 'l quddiem "il-programmi speċifiċi"); billi, skond id-Deċiżjoni, dawn l-azzjonijiet ewlenin għandhom, fejn xieraq, jiġu magħquda flimkien għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu man-natura tas-suġġetti koperti;

- il-grupp dwar "Is-saħħa, l-ikel u l-fatturi ambjentali",
- il-grupp dwar "Il-kontroll ta' mard infettiv",
- il-grupp dwar "Il-fabbrika taċ-ċelloli",
- il-grupp dwar "Il-popolazzjoni anzjana",
- il-grupp dwar "L-agrikoltura, is-sajd u l-forestrija sostenibbli, inkluż l-iżvilupp integrat ta' żoni rurali",
- il-grupp dwar "Is-soċjetà ta' l-Informatika",
- il-grupp dwar "Il-prodotti, proċessi u organizzazzjoni innovattivi",
- il-grupp dwar "Il-mobilità sostenibbli u l-intermodalità",
- il-grupp dwar "Perspettivi ġodda għall-aeronawtika",
- il-grupp ta' pariri dwar "It-teknoloġiji ta' trasport fuq l-art u marittimi",
- il-grupp dwar "L-amministrazzjoni sostenibbli u kwalità ta' l-ilma" u "L-amministrazzjoni sostenibbli ta' ekosistemi marittimi",
- il-grupp dwar "Il-bidla globali, klima u biodiversità",
- il-grupp dwar "Il-belt ta' għada u wirt kulturali",
- il-grupp dwar "Is-sistemi ta' enerġija iktar nodfa" u "Enerġija ekonomika u effiċjenti",
- il-grupp dwar "It-titjib tal-bażi ta' għerf soċjo-ekonomika",
- il-grupp fwar "Il-funzjoni termonukleari kontrollata",
- il-grupp dwar "Il-fissjoni nukleari",

Billi, f'din il-konnessjoni, ir-rwol tal-gruppi esperti huwa li jgħinu sabiex tiġi definita l-istrateġija ġenerali li trid tiġi segwita waqt li jkun qegħdin jiġu mwettqa l-azzjonijiet ewlenin jew il-gruppi ta' azzjonijiet ewlenin, u sabiex joħorġu b'konklużjonijiet rilevanti b'mod kompletament trasparenti;

Billi, minħabba x-xorta tax-xogħol, il-membri ta' dawn il-gruppi għandhom ikunu persuni eminenti, magħżula minn varjetà wiesgħa ta' applikanti u kwalifikati b'mod xieraq għax-xogħol inkwestjoni;

Billi, apparti dan, il-kompożizzjoni ta' dawn il-gruppi esperti għandha tkun rappreżentattiva ta' dawk kollha involuti fir-riċerka; billi għaldaqstant għandhom isiru sforzi sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni bilanċjata ta' nisa u rġiel;

⁽¹⁾ COM(1998) 305 finali.⁽²⁾ COM(1998) 306 finali.

sabiex jagħtu pariri lill-Kummissjoni dwar il-kontenut u l-orjentazzjoni ta' l-azzjonijiet ewlenin jew għaqdiet ta' azzjonijiet ewlenin li huma skond il-programmi speċifiċi.

Artikolu 2

Kull wieħed mill-gruppi ta' esperti għandu:

- jipproponi linji gwida għad-definizzjoni tal-programmi ta' xogħol (inklużi l-programmazzjoni ta' sejħiet għal proposti, il-kriterji għall-evalwazzjoni ta' azzjonijiet indiretti ta' RTD u, fejn possibbli, l-iffissar ta' għanijiet kwantifikati jew verifikabbli xjentifiċi u tekniċi-ekonomiċi għall-kisba ta' l-għanijiet ta' l-azzjonijiet ewlenin jew gruppi ta' azzjonijiet ewlenin),
- jikkummenta dwar in-natura strateġika tax-xogħol li għandu jiġi mwettaq u dwar l-analiżi tar-riżultati, bil-għan li possibbilment isir ri-arranġament tal-programmi ta' xogħol.

Artikolu 3

1. Kull grupp ta' esperti għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni b'mod li jiżgura li l-gruppi jkollhom kompożizzjoni bilanċjata, wara li jiġu kunsidrati l-orijini ġeografiki u s-settur ta' orijini (l-industrija, s-servizzi, riċerka u innovazzjoni, utenti, awtoritajiet regolatorji pubbliċi u ċrieki soċjo-ekonomiċi) tal-membri tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tagħmel mezz biex taċċerta, kemm jista' jkun, li jkun hemm parteċipazzjoni bilanċjata ta' rġiel u nisa.

2. Il-proċedura għall-għażla ta' membri tal-gruppi ta' esperti hija stipulata fl-Anness, flimkien mall-programmi speċifiċi, azzjonijiet ewlenin u gruppi ta' azzjonijiet ewlenin li għandhom x'jaqsmu ma'dawn il-gruppi.

Artikolu 4

1. Il-membri taż-żewġ gruppi ta' esperti għandhom jinħatru mill-Kummissjoni f'kapaċità personali għal perijodu ta' sentejn. Din il-ħatra tista' tiġi mġedda darba biss, għal massimu ta' sentejn.

Membri tal-gruppi għandhom jibqgħu fil-kariga tagħhom sakemm jiġu mibdula jew sakemm jiġi mġedded il-mandat tagħhom.

Jekk membru ta' grupp ma jkunx jista' iktar jagħti kontribuzzjoni effettiva lejn ix-xogħol ta' dak il-grupp, isir membru ta' kumitat ta' programm jew jirreżenja, il-Kummissjoni għandha tappunta sostitut għall-perijodu li jkun fadal tal-mandat, b'mod konformi mal-proċedura stipulata fl-Anness.

2. L-ismijiet tal-membri tal-gruppi ta' esperti għandhom jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

3. Il-membri tal-gruppi ta' esperti għandhom jingħataw lura l-ispejjeż ta' vjaġġar u ta' għixien li jkunu għamlu b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet fi ħdan il-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha taħtar il-President u l-Viċi-President ta' kull wieħed mill-gruppi esperti minn fost il-membri ta' dak il-grupp. Il-Viċi-President ma jstax ikun ta' l-istess orijini ġeografika jew settur ta' orijini bħall-President.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Ottubru 1998.

Għall-Kummissjoni

Édith CRESSON

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

A. Proċedura għall-għażla tal-membri tal-gruppi ta' esperti

1. Bil-għan li jiġu stabbiliti l-gruppi ta' esperti għall azzjonijiet ewlenin jew gruppi ta' azzjonijiet ewlenin elenkati fit-taqsimi B, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-applikazzjonijiet:

- li l-Kummissjoni tkun diġà rċiviet fi proċeduri oħrajn,
- ippreżentati mill-Istati Membri u Stati assoċjati,
- li tkun irċeviet wara sejħa għall-applikazzjonijiet pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-applikazzjonijiet jiġu ppreżentati mill-applikanti infushom jew mill-organi li jimpjegawhom. Applikazzjonijiet minn organizzazzjonijiet xjentifiċi, kummerċjali/professjonali jew industrijali jew dawk li jaħdmu fl-interess pubbliku jistgħu jiġu preżentati wkoll sakemm il-persuna proposta tkun taqbel.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi f'waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu evidenza ta' l-esperjenza professjonali ta' l-applikant u livell għoli ta' abiltà (eżempju - *curriculum vitae* dettaljat).

2. Għall-iskopijiet ta' ħatra ta' membri fil-gruppi ta' esperti, i l-Kummissjoni għandha tevalwa l-applikazzjonijiet kollha b'mod konformi mall-kriterji ta' għażla li ġejjin:

- il-kompetenza ta' l-applikant f'waħda jew iżjed mill-oqsma konċernati,
- l-abiltà ta' l-applikant li jikkunsidra prospettivi xjentifiċi u teknoloġiċi fid-dawl tal-politika Komunitarja,
- il-ħerqa ta' l-applikant lejn id-doveri tiegħu.

Fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni, l-Kummissjoni għandha tappunta l-membri tal-gruppi b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni u mat-taqsimi B ta' l-Anness.

Il-membri maħtura b'dan il-mod mill-Kummissjoni ma jistgħux ikunu membri ta' iktar minn grupp wieħed.

B. Programmi speċifiċi, azzjonijiet ewlenin jew għaqdiet ta' azzjonijiet ewlenin li għandhom x'jaqsmu mal-gruppi konsultattivi

Programm	Azzjoni ewlenija jew grupp ta' azzjonijiet li għandhom jiġu koperti minn grupp ta' esperti	Grupp ta' esperti
"Kwalità ta' ħajja u amministrazzjoni ta' risorsi ħajjin"	" <i>Ikkel, saħħa u fatturi ambjentali</i> "	"Ikkel, saħħa u fatturi ambjentali"
	" <i>Kontroll ta' mard infettiv</i> "	"Il-kontroll ta' mard infettiv"
	" <i>Il-fabbrika taċ-ċelloli</i> "	"Il-fabbrika taċ-ċelloli"
	" <i>Il-popolazzjoni anzjana</i> "	"Il-popolazzjoni anzjana"
	" <i>L-agrikoltura, is-sajd u l-forestrija sostenibbli, inkluż l-iżvilupp integrat ta' żoni rurali</i> "	"L-agrikoltura, is-sajd u l-forestrija sostenibbli, inkluż l-iżvilupp integrat ta' żoni rurali"

Programm	Azzjoni ewlenija jew grupp ta' azzjonijiet li għandhom jiġu koperti minn grupp ta' esperti	Grupp ta' esperti
"Soċjetà ta' informatika faċilment aċċessibbli għall-utent"	<p>"Is-Sistemi u servizzi għaċ-ċittadin"</p> <p>"Metodi ġodda ta' xogħol u kummerċ elettroniku"</p> <p>"Il-Kontenut u l-għodda tal-multimedja"</p> <p>"It-teknoloġiji u l-infrastrutturi essenzjali"</p>	"Is-soċjetà ta' l-Informatika"
"Kompetizzjoni u tkabbir sostenibbli"	"Il-prodotti, proċessi u organizzazzjonijiet innovattivi"	"Il-prodotti, proċessi u organizzazzjonijiet innovattivi"
	"Il-mobilità u inter-modalità sostenibbli"	"Il-mobilità u l-inter-modalità sostenibbli"
	"Il-perspettivi ġodda dwar aeronawtika"	"Il-perspettivi ġodda dwar aeronawtika"
	"It-trasport fuq l-art u t-teknoloġiji marittimi"	"It-trasport fuq l-art u t-teknoloġiji marittimi"
"Preservazzjoni ta' l-ekosistema"	"L-amministrazzjoni u l-kwalità sostenibbli ta' l-ilma" u "L-amministrazzjoni sostenibbli ta' ekosistemi marittimi"	"L-amministrazzjoni u kwalità sostenibbli ta' l-ilma" u "l-amministrazzjoni sostenibbli ta' ekosistemi marittimi"
	"Il-bidla globali, klima u biodiversità"	"Il-bidla globali, klima u biodiversità"
	"Il-belt ta' għada u wirt kulturali"	"Il-belt ta' għada u wirt kulturali"
	"Is-sistemi ta' enerġija iktar nodfa inklużi enerġiji rinovabbli" u "L-enerġija ekonomika u effiċjenti għal Ewropa kompetittiva"	"Is-sistemi ta' enerġija iktar nodfa" u "L-enerġija ekonomika u effiċjenti"
"Titjib tal-potenzjal ta' riċerka umana"	"It-titjib tal-bażi ta' għerf soċjo-ekonomika"	"It-titjib tal-bażi ta' għerf soċjo-ekonomika"
"Preservazzjoni ta' l-ekosistema" (Euratom)	"Il-fużjoni termonukleari kontrollata"	"Il-fużjoni termonukleari kontrollata"
	"Il-fissjoni nukleari"	"Il-fissjoni nukleari"